



Brussell, 21 ta' April 2026
(OR. en)

8106/26

COPS 204
CIVCOM 82
MAMA 82
MOG 82
PSC DEC 15
EUAM IRAQ 6
RELEX 485

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/1/2026)

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ
(PESK) 2026/...**

ta' ...

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza
tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq
(EUAM Iraq)
(EUAM Iraq/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1869 tas-16 ta' Ottubru 2017 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

¹ ĠU L 266, 17.10.2017, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1869/oj>.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/1869, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) hu awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċitar tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.
- (2) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1394², li taħtar lis-Sur Ralf SCHRÖDER bħala l-Kap tal-Missjoni tal- EUAM Iraq mis-16 ta' Awwissu 2025 sat-30 ta' April 2026.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/1394 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (EUAM Iraq/2/2025) (ĠU L, 2025/1394, 10.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1394/oj>).

- (3) Fit-30 ta' Marzu 2026, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Ralf SCHRÖDER bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EUAM Iraq mill-1 ta' Mejju 2026 sal-31 ta' Ottubru 2026.
- (4) Fi ... , il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PEŠK) 2026/...³⁺, li temenda d-Deċiżjoni (PEŠK) 2017/1869 u li testendi l-mandat tal-EUAM Iraq mill-1 ta' Mejju 2026 sal-31 ta' Ottubru 2026,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PEŠK) 2026/... ta' ... li temenda d-Deċiżjoni (PEŠK) 2017/1869 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni u imla n-numru ta' referenza tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 7063/2026, u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Ralf SCHRÖDER bħala Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-Iraq (EUAM Iraq) huwa estiż mill-1 ta' Mejju 2026 sal-31 ta' Ottubru 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
